MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2007

Numru. 1231/2006

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)

vs

Caroline Degiorgio

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Caroline Degiorgio ta’ 28 sena mwielda Pieta nhar id-29 ta’ Novembru, 1977 bint Joseph u Michelina nee’ Seisun residenti gewwa 179, Flat 4, Triq San Duminku, il-Belt Valletta, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ numru 20978M giet imressqa quddiemha akkuzata talli nhar it-13 ta’ Novembru, 2006 ghal habta ta’ 3.30p.m. gewwa il-fond ‘Essentials’, Triq Patri Felicjan

Bilocca, Marsa minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunajt feriti ta' natura gravi, fuq il-persuna ta' Josephine Spiteri mill-Marsa skond kif iccertifika Dr Matthew Cassar ta' l-Isptar San Luqa u dan ai terminu ta' l-artikoli 214 u 216, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ikkomettiet hsara volontarja fuq cash register ta' l-istess fond ghad-dannu ta' Tracey Spiteri u dan ai terminu ta' l-artikolu 325 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebbiet ghall-istess Josephine Spiteri u Tracey Spiteri sabiex tingurjahom, iddejaqhom jew taghmlilhom hsara u dan bi ksur ta' l-artikolu 339 (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi volontarjament kisret il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied u dan bi ksur ta' l-artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmija vittimi billi f'kaz ta' htija torbot taht garanzija lill-imputata taht somma ta' flus u perjodu li jidhrilha xieraq u dan ai terminu ta' l-artikoli 383 u 384 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 19 ta' Dicembru, 2006 sabiex fin-nuqqas ta' oggezzjoni da parti ta' l-imputata din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputata tiddikjara li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq referita kif jirrizulta mill-ezami li sar fit-12 ta' Frar, 2007 *ai termini* ta' l-Artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta tat-12 ta’ Frar, 2007 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9, u cioe’ wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha bl-aktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u taghta zmien xieraq sabiex jekk trid jerga’ lura minnha u kien wara li staqsietha t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni ta’ l-istess imputata, l-Qorti tiddikjara li qed issibha hatja ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputata sa mill-bidu nett ta’ dawn il-proceduri, ic-cirkostanzi familjari li tinsab fihom l-istess imputata u l-fatt li l-fedina penali taghha hija netta u li hija m’ghandha ebda tebgha ta’ reat jew kontravenzjoni registrata fuqha u ghaldaqstant ghandha tigi trattata bhala *first time offender*.

Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-Artikoli 214, 216, 325, 339(d) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 22(1) tal-Kap 446 tiddikjara li qed issib lill-imputata Caroline Degiorgio hatja ta’ l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi u tiddeciedi li tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor ghal perjodu ta’ tlett snin millum.

B’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti torbot lill-imputata b’obbligazzjoni taghha nnifisha taht penali ta’ multa ta’ LM200 ghal perjodu ta’ tnax il-xahar millum milli timmolesta jew tivvessa lil Josephine Spiteri u Tracey Spiteri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------